MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2008

Numru. 60/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**William Calleja, ta' 24 sena, bin Gregory u Gregoriana nee' Spiteri, imwieled Victoria, nhar il-15 ta' Ottubru, 1983, residenti fil-fond numru Sliem, Triq ix-Xuxa, Kercem, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 34883(G)**

**Il-Qorti;**

**Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi William Calleja talli nhar il-15 ta' Awissu, 2008, ghal habta tas-02:00 gewwa Triq Taht Putirjal, Rabat, (Ghawdex);**

**a) Talli ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi**

**minn servizz pubbliku cioe' PC510 William Said, PC696 Marvic Vella u PC 707 Robert Hili waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 (1) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;**

**b) Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, cioe' PC510 William Said, PC 696 Marvic Vella u PC 707 Robert Hili filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;**

**c) Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, irrifjuta li jaghti jew ta falz, lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li kien inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra ai termini tal-artikolu 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**d) Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi tal-persuna ta' PC510 William Said, PC 696 Marvic Vella u PC 707 Robert Hili jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil *William Calleja* b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;**

**Rat l-imputazzjonijiet;**

**Semghet il-provi;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-26 ta' Awwissu, 2008;**

**Ikkunsidrat;**

**Illi l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu ghajr ghat-tieni (2) akkuza. Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-akkuzi. Illi dwar it-tieni (2) akkuza, il-Qorti tirrileva illi dina ma gietx ippruvata u kwindi ma tirrizultax u l-imputat se jigi liberat minnha;**

**Illi dwar piena l-Qorti seja tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, izda fuq kollox il-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghall-agir tieghu u ntrabat illi bl-ebda mod huwa m'hu ser jirrepeti dan l-agir;**

**Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-Artikoli 95 (1), 338 (g) u 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni (2) akkuza, issibu hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u fid-dawl tal-konkluzzjonijiet hawn fuq maghmula tikkundannah ghall-multa ta' tlett mitt ewro (€300).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------